**MINUTI** tal-Laqgħa tal-KPKK tal-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2025, fis-3.00 p.m., fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana.

**Kienu preżenti:** Dr Wendy Jo Mifsud (President), Rev. André Zaffarese (Segretarju), Ms Maria Grazia Cassar, Patri Ramon Farrugia, Perit David Mallia, (online) Ms Daniela Apap Bologna, Kan. Nicholas Doublet u Mr Joseph Calleja. **Skużat:** Mons. Edgar Vella.

1. **Introduzzjoni.**

2. **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa ta' 26 ta' Frar 2025.**
   Il-minuti ġew approvati.

3. **Talbiet.**

1. **P56/2025 - Prot. N. 67/2025 - Parroċċa San Ġiljan - Proposta għal bust ta' Dun Anton Sciberras.**
   Rigward dan il-proġett il-KPKK ma taqbilx li dan il-bust jitwaħħal mal-ħajt tal-Knisja. Tajjeb li jinstab post aktar adattat u ma jkunx mwaħħal b' ebda mod mal-ħitan eżistenti.

2. **P69/2025 - Prot. N. 87/2025 - Parroċċa Ħal Kirkop – Dawl minn barra għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.**
   Wara diskussjoni l-KPKK qed titlob li jsir disinn ħolistiku tad-dawl minn xi ħadd professjonali li diġa ħadem fuq sistema ta' dawl fuq binjiet storiċi oħra. Kif ukoll li jkun hemm preferenza għal-*floodlights* fuq iz-zuntier u mhux li d-dwal jiġu mwaħħla mal-faċċata. Il-KPKK tixtieq proposta aktar dettaljata dwar dan il-proġett.

3. **P70/2025 - Parroċċa In-Naxxar - Proposal for the installation of Solar panels Church of Santa Luċija Naxxar.**
   Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir *site visit* fuq il-post.

4. **P71/2025 - Prot. N. 95/2025 - Parroċċa Il-Qrendi - Proġett ta' manutenzjoni tal-qanpiena l-kbira tal-Knisja Parrokkjali.**
   Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK tapprova dan il-proġett.
   Il-Kummissjoni qed tiddelega l-monitoraġġ ta' dan il-proġett f'idejn is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **P72/2025 - Parroċċa Il-Fontana - Ambone Ġdid fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana.**
   Il-KPKK m' għandiex diffikulta li dan il-proġett isir, iżda l-Kummissjoni qed tiġbed l-attenzjoni u tagħmel suġġeriment li l-idejn isiru proporzjonati mal-kumplament tad-disinn.

6. **P73/2025 - Parroċċa Balluta - Niche proposal model Balluta.**
   Il-KPKK tapprova dan il-proġett iżda tipproponi li l-ħġieġ tan-niċċa għandu jkun apposta biex l-istatwa ma ssirilix ħsara.

7. **P74/2025 - Parroċċa Iż-Żejtun - Bdil tas-sottokwadru tal-Madonna bil-Bambin.**
   Il-KPKK m' għandniex diffikulta' li jinbidel is-sottokwadru tal-Madonna bil-Bambin, iżda l-Kummissjoni qed titlob li tintbgħat il-proposta jew l-abbozz tal-kwadru lil KPKK.

8. **P75/2025 -Prot. N. 102/2025 - Parroċċa Ħal Kirkop - Drapp u cushions ġodda tas-sedja (3 seater) li tintuża fil-festa ta' San Leonardu.**
   Il-KPKK taqbel ma dan il-proġett iżda titlob li d-drapp jibqa l-istess stil ta' kif inhu bħalissa.

Il-laqgħa ntemmet fl-4:15pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Mejju 2025 fit-3:00pm.

| | |
|---|---|
| Dr Wendy Jo Mifsud | Rev. Dr André Zaffarese |
| President | Segretarju |